MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Numru 342/2000

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
SPETTUR MARIO BONNICI
VS
JOSEPH BAJADA
ANTOINE SIVE DAVID MONSIGNEUR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Bajada ta’ 46 sena, iben Emanuel u Carmen nee’ Mifsud, imwieled Xaghra (Ghawdex) fit-2 ta’ Mejju, 1954, residenti ‘Il-Warda’ Triq San Guzepp, Xaghra (Ghawdex) u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 31854(G). Antoine sive David Monsigneur ta’ 29 sena, iben Joseph u Josephine nee’ Bugeja, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Jannar, 1971, residenti 25, Triq il-Gardiel, Marsascala u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 49071(M).

Illi huma akkuzati talli fil-15 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tas-2:30 ta' wara nofsinhar mid-'Dolceria Qui-Si-Sana' Sliema, kkommettew serq ta' sittin lira Maltin (Lm60) ghad-dannu ta' Joseph Ganado minn San Pawl il-Bahar propjetarju ta' l-istess stabbiliment, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz bi ksur ta' l-Artikoli 261 (a)(b), 262 (1)(a)(2), u 263 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huma akkuzati wkoll talli fil-15 ta' Mejju, 2000 ghall-habta ta' l-4:50 ta' wara nofsinhar fil-Gzira, kkommettew serq ta' tmintax-il lira Maltin (Lm18) u mitt dollaru Amerikan (100 US.$) ghad-dannu ta' Elazzabi Abdul Rahaman minn San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz bi ksur ta' l-Artikoli 261 (a)(b), 262 (1)(a)(2), u 263(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi hadu f'idejhom xi funzjoni pubblika, sew civili jew militari, minghajr ma kellhom jedd ghaliha, jew ezercitaw xi att ta' dik il-funzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 84 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-istess Joseph Ganado u lil Elazzabi Abdul Rahaman kontra l-volonta' taghhom bi ksur ta' l-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara din id-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistaw b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi Antoine sive David Monsigneur akkuzat wahdu talli kkommetta reat ta' serq aggravat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza mghotija lilu mill-Qorti

tal-Magistrati (Malta) Awla 3 datata 3 ta' Dicembru, 1999 bi ksur ta' l-Artikolu 28(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U finalment talli saru recidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kas.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni jirrizulta pprovat sal-livell probatorju rikjest fil-kamp kriminali, illi l-imputati: sabiex jiksbu gwadann finanzjarju kkrejaw messa in scena, rrexxtaw b'manjiera realistika rwol ta' membri tal-Pulizija u b'hekk akkwistaw Lm 60, Lm 18 u 100$ (US Dollars) minghand iz-zewg kwerelanti Ganado u Ramahan (ara xhieda a fol.75)

Din ix-xhieda giet mghotija b'manjiera vivida u verosimili illi thalli inpressjoni ndelibbli fuq il-Qorti dwar il-kredibilita' taghha.

Illi fil-mori tal-kawza l-kwerelant Ganado hafer lill-imputati u ma kienx qed jippretedni xejn minghandhom.

Illi l-Qorti f'ghoti tal-piena hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali rafrettarja ta' l-imputati, t-tul ta' dawn il-proceduri u l-ammont irisorju ta' gwadann finanzjarju u l-mahfra tal-kwerelant.

Ghaldaqstant l-Qorti ssib lill-imputati, Joseph Bajada u Antoine sive David Monsigneur, hatja ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) akkuza, b'assorbiment tar-raba' (4) akkuza, mhux hatja tal-hames (5) akkuza, li minnha tilliberahom, hatja tas-seba' (7) akkuza, u wara li rat l-

Artikoli 18, 261(a)(b), 262, 263, 264, 265, 266, 276, 277, 278, 330, 84, 86, 49, 50, 289, 28A sa 28H, 31, 17(b), 20, 22, 23, 30 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputati taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

In oltre', issib lill-imputat, Antoine sive David Monsigneur, wahdu l-Qorti ssibu hati wkoll tas-sitt (6) akkuza li tirrigwarda sentenza sospiza tat-3 ta' Dicembru tan-1999, tordna li l-perijodu tas-sospensjoni jigi estiz ghall-istess perijodu fil-kundanna originali mill-gurnata tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------